# Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR DIANE VELLA) V. BRIAN MIFSUD (KI. 162682M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14/05/2025**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

| | | |
|---|---|---|
| Lill | **Brian Mifsud** | Bin Anthony u Josephine nee Baldacchino mwieled fil- 06/01/1962 u joqghod |
| **I.d.** | **0162682M** | 9, Floyd, Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Zabbar |

**Billi int akkuzat talli fl- 10 ta' Settembru 2022 ghall-habta ta' 18:30hrs fi Vjal l-Istadium Nazzjonali, Attard soqt vettura b' numru ta' registrazzjoni BAT587;**

1 b' manjiera traskurata, Kap 65 Art 15 (1)(a)(2)

2 U talli soqt l-imsemmija vettura b' manjiera bla kont, Kap 65 Art 15 (1)(a)(2)

3 U talli soqt l-imsemmija vettura b' manjiera perikoluza, Kap 65 Art 15 (1)(a)(2)

4 U b' nuqqas ta hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta hila fl-art jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Denys Olexandrovych Danylov, Kap 9 Art 328 (d)

5 U b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta'tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġunajt offiża gravi fuq il-persuna ta' Denys Olexandrovych Danylov, li gabet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Mahmud Hamido MD mill-MDH. Kap 9 Art 226 (1) (a)

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversement presjeduta bla data li permezz tiegħu astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni ta’ dawn l-atti u bagħtithom lir-Reġistratur sabiex jiġu assenjati skond il-liġi.

Rat li l-atti ta' din il-kawża ġew sussegwentement assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta b'ordni tal-STO Prim Imħallef magħmulha u mwaħħla fit-28 ta' Settembru 2023 fir-Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali mir-Reġistratur tal-Qrati, skont l-Artikolu 11 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[1].

Semgħet ix-xhieda miġjuba quddiemha ossia' lill-*parti offiża* Denys Olexandrovych Danylov, PS 1027 Simon Micallef, Mark Debono, Salvina Mifsud u Caroline Schiavone u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom.

Rat l-atti proċesswali inkluż l-*affidavits* ta' PS 1301 Christian Bonello u Dr. Mahmoud Hamido;

Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula bil-fomm fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2024:

- għan-nom tal-Prosekuzzjoni mill-Ispettur Diane Vella, u
- għan-nom tal-imputat mill-Avukat Duncan Borg Myatt.

Qed tagħti din is-

## Sentenza

### Provi

1. Fl-*affidavit* tiegħu, **<u>PS 1301 Christian Bonello</u>** stazzjonat in-Naxxar stqarr illi fl-10 ta' Settembru 2022 għall-ħabta tas-6.30pm ġie infurmat li kien seħħ inċident tat-traffiku fi Triq l-Istadium Nazzjonali, Ta' Qali, Attard eżatt quddiem l-Ambaxxata Amerikana fejn kien hemm sewwieq ta' rota li ġarrab xi ġrieħi. Flimkien mal-pulizija PC 2174 u PS 1027 huwa mar fuq il-post tal-inċident. Hemmhekk ftit 'il bogħod mir-roundabout faċċata tal-ambaxxata (visa unit) fid-daħla ta' parkeġġ li jagħmel parti minn Ta' Qali park, ġew osservati rota ħamra (li wara rriżulta illi kellha s-*serial number* SJM50AAXL21080610A) u karozza bajda bin-numru ta' reġistrazzjoni BAT 587. Din tal-aħħar kienet qed tiġi

[1] Fol 22

misjuqa mill-imputat Brian Mifsud (ID: 0162682M). Sakemm irrikorrew fuq il-post, is-sewwieq tar-rota, ċertu Denys Oleksandrovych Danilov, kien diġà ttieħed l-Isptar Mater Dei għal aktar kura medika. PS 1301 ħa l-istqarrijiet kemm tas-sewwieq kif ukoll tal-passiġġier tal-vettura, u għamel spezzjoni fuq il-ħsarat viżibbli kemm fuq il-vettura kif ukoll fuq ir-rota. Aktar tard il-parti offiża mar l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara u ta l-verżjoni tiegħu tal-inċident. Huwa ppreżenta ċertifikat mediku li kien jindika li sofra ġrieħi ta' natura gravi, skont kif ċertifikat mit-tabib Dr Mahmud Hamiab (Reg. Nru 4321) kif ukoll stima tal-ħsarat li ġarrab u talab lill-pulizija sabiex jittieħdu passi kriminali kontra l-imputat Mifsud.

**2.** Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2023 xehed l-parti offiża **Denys Olexandrovych Danylov.** Dan stqarr fost affarijiet oħra illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi huwa kien qed isuq ir-rota filwaqt li kien qed jagħmel is-sitt dawra tiegħu ġewwa Ta' Qali waqt it-taħriġ personali tiegħu. Huwa avviċina r-*roundabout* ta' quddiem l-Ambaxxata Amerikana u ftit metri 'l bogħod mid-daħla għall-parkeġġ vettura qabżitu u daħlet fuqu f'salt b'mod illi ġibditu u baqa' dieħel fil-ħġieġ tal-bieb tal-passiġġier. Huwa spiċċa mal-art bid-daqqa u sussegwentement ngħata l-ewwel għajnuna. Ikkonferma illi sofra ġrieħi gravi li ġew ċertifikati minn tabib. Qal li x-xufier kellu passiġġiera mara ħdejh. Qal ukoll illi sofra xi brix fuq ir-rota li kienet ġdida fjamanta u li nkisirlu l-iscreen tat-telefon ċellulari tiegħu. Ikkonferma li kien liebes elmu protettiv fuq rasu u li l-vettura misjuqa mill-imputat ġiet minn warajh u qabżitu. Sostna illi huwa kien għaddej fuq ix-xellug tat-triq u kien qed jiġbed lejn id-daħla tax-xellug li tmur għall-parkeġġ u l-istess għamlet il-karozza l-oħra. In kontroeżami kkonferma illi l-isteering tar-rota tiegħu baqgħet dieħla fil-ħġieġa tal-bieba tal-passiġġier ta' wara. Huwa esebixxa ukoll xi stejjem u dokumenti rigward id-danni sofferti.

**3.** Fl-istqarrija tiegħu mogħtija *a tempo vergine* ftit wara l-akkadut u wara li kien ingħata l-kura medika huwa kien stqarr mal-uffiċjali tal-Pulizija *inter alia* s-segwenti:

> "I was approaching an exit of the roundabout, try to keep on the left all of a sudden the car overtake me and cut in front of me. He did not use any indicator. The bike steering stuck on the rear window. Also the rear glass of the rear passenger door was broken with the bicycle steering I was drag

several meters by the car in the diretion of the parking entrance and ended up flat over on my back on the tarmac"

**4.** Fl-istess seduta xehed **PS 1027 Simon Micallef**. Dan qal *inter alia* illi fit-10 ta' Settembru 2022 kien fuq xogħol bħala *night watch* meta għal xi 6:30 pm rċieva telefonata dwar inċident li kien seħħ bejn rota u karozza fiż-żona ta' Ta' Qali, ħdejn ir-roundabout tal-Ambaxxata Amerikana. Huwa mar fuq il-post flimkien ma' surġent. Fuq il-post sabu karozza bajda tat-tip Ford Escort wieqfa ftit 'il bogħod mir-roundabout. Is-sewwieq tar-rota ma sabuhx għax kien diġà laħaq ittieħed l-isptar. Huma tkellmu max-xufier tal-karozza ossia mal-imputat kif ukoll mal-passiġġiera li kienet miegħu. Micallef qal li ma ħadux sketch fuq il-post, peress li kien hemm distanza mhux ħażin bejn il-post tal-impatt u fejn instabet il-vettura – indikazzjoni li l-vettura u r-rota ġew mċaqalqa wara l-impatt. Aktar tard, ix-xufier tar-rota ppreżenta ċertifikat mediku fl-għassa ta' Birkirkara, u hemmhekk tahom ukoll il-verżjoni tiegħu tal-ġrajja. Ix-xhud ikkonferma li n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura kien **BAT 587**. Meta ġie mistoqsi jekk jagħrafx lix-xufier tal-vettura fil-Qorti, huwa għamel dan billi ppunta lejn l-imputat li kien fl-iżbarra. Qal illi fuq il-post seta jinnota illi l-karozza kienet ċċaqalqet minn fejn sar l-impatt, xi ħaġa li ġiet ikkonfermata mix-xufier meta tagħhom il-verżjoni tiegħu. Huwa nnota li waħda mill-ħġieġ tal-ġenb kienet imkissra u kien hemm frak fil-parti ta' wara. Mistoqsi dwar id-direzzjoni li setgħu kienu għaddejjin ix-xufiera Micallef qal li mir-roundabout setgħu kienu sejrin jew fid-direzzjoni tal-parkeġġ (xellug) jew lejn iċ-ċentru ta' Ta' Qali (iżjed dritt u fuq il-lemin).

**5.** Xehdet ukoll fl-istess seduta mart l-imputat, ossia' **Salvina Mifsud** li kienet fuq is-seat tal-quddiem tal-passiġġier. Qalet li dakinhar kienu sejrin għall-kunċert tar-Rockestra ġewwa Ta' Qali u kienu ftit kmieni. Ir-raġel tagħha kien qed isuq il-vettura u x'ħin qed isur mar-*roundabout* semgħet ħoss ta' splużjoni u tar il-ħġieġ tat-tieqa għal fuqha. Qalet li l-impatt seħħ ma' rota u li din daħlet fil-ħġieġa tat-tieqa ta' warajha. Tenniet illi kienu fuq in-naħa tal-lemin u li kienu sejrin fuq in-naħa tal-lemin tat-triq biex jipparkjaw.

6. Xehdu ukoll **Mark Debono** u **Caroline Schiavone** rigward id-danni sofferti mill-*parti offiża* kif ukoll **Dr. Mahmoud Hamido** li xehed bl-*affidavit* dwar il-ġrieħi gravi li sofra l-*parti offiża.*

7. L-imputat għażel li ma jixhidx kif kellu kull dritt li jagħmel. Fl-istqarrija tiegħu mogħtija *a tempo vergine* lill-uffiċjali tal-Pulizija huwa stqarr *inter alia* s-segwenti:

> "Jiena u tar-rota konna ġejjin minn l-istess direzzjoni u ċioe qed induru mar-roundabout u għal xi raġuni dan qabad u qasam u daħal ġo fija. L-impatt sar qisu man-nofs ir-roundabout u hu dahal fuq quddiem tal-karozza. Nixtieq inżid li hu daħal ġo fija".

**Kunsiderazzjoni**

8. Fir-rigward tas-sewqan traskurat, perikoluż u bla kont, ingħad fil-ġurisprudenza tagħna illi:

> "...jekk sewqan hux (1) negligenti ; jew (2) bla kont jew (3) perikoluz hija kwistjoni ta' "degree" (App. Krim. Pol. vs. Charles Bartolo , 14.3.59; Pul vs. Wilson , Vol. XXXIX , p.1018; Pul. vs. Alfred Vella , Vol. XLIV , p. 933 u ohrajn ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom - l-aghar is-sewqan perioluz (App. Krim. Pol. vs. Hardingham , 19.10.63) . Illi ukoll gie ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pol. vs. Charles Farrugia , Vol. XXXIUX , p.1018) . "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. "Pul vs. Joseph Aqulina" 20.4.63) Sewqan negligenti ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV . p.892)"[2]

9. L- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) jipprovdi hekk:

---

[2] **Il-Pulizija v. Duncan Galea** (App. Krim. 273/2002 deċiż 30/04/2003 mill-Onor. Imħallef Joseph Galea Debono)

**'15. (1) Kull min -**

**(a) isuq vettura bil-mutur ... b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż,... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.'**

**10.** Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdu illi:

**'(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.**

**(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.**

**11.** Dwar il-prova ta' sewqan b'mod traskurat, u bla kont, u kif ukoll dwar is-sewqan b'mod perikoluż il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**' illi:

"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."

**12.** L-Artikolu 15(1)(a) jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

**13.** Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Jason Scerri</u>**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

> "Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."
>
> Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- *"… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."*

Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."

**14.** Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>'Il-Pulizija v. Matthew Vella'</u>** (App. Nru. 375 tal-2017, deċiż 6 ta' Frar 2020 mill-Onor Imħallef Aaron M. Bugeja):

"Is-sewwieq irid dejjem iżomm proper look-out u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma pedestrians.

Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'safe speed fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma pedestrians billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan. Dawn huma prinċipji li dawn il-Qrati ħadnu għal żmien twil kif ukoll jirriżulta minn dak deċiż fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Anthony Spiteri, deċiż fil-21 ta' Mejju 1960 mill-Imħallef William Harding fejn irritjena s-segwenti : -

Hu innegabbli li driver ta' karozza għandu, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jzomm "a proper lookout" għall-vejikoli, "pedestrians", u "road-users" ohra; (Gibb. Triql of Motor Car Acc. Cases, Sec. 47), u l-ieħor illi, waqt is-sewqan, hu jkun f'posizzjoni tali li, kif jingħad fil-"General Regulations" tat-Traffiku Ingliżi, (ara Stone's Justices' Manual, Vol.2 1960 edition, p. 2937) jkollu f'kull ħin "proper control over the vehicle"... Ma għandux jintesa li l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' "split second" u li l-kontingenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati."

**15.** Għal dak li jirrigwarda d-dinamika tal-inċident stradali u n-natura tal-kolliżjoni, ma' ġie esebit l-ebda skizz mill-prosekuzzjoni u dan peress illi l-vettura ġiet mċaqalqa wara li

saret il-kolliżjoni. Bħala ħsarat li ġew riskontrati fir-rapport tal-okkorrenza jidher illi l-vettura sofriet ħsarat fuq il-bieba ta' quddiem u ta' wara tan-naħa tal-passiġġier (ossia fuq ix-xellug tal-vettura) u fuq il-parti tal-ġenb ta' wara fuq ix-xellug tal-istess vettura.

**16.** Fin-nuqqas ta' skizz u ta' provi oħra li jistgħu jixħtu d-dawl fuq min jaħti għall-inċident, il-Qorti jkollha ta' bilfors toqgħod fuq ix-xhieda ta' min esperjenza l-inċident b'mod dirett. Minn dawn filfatt xehdu l-*parti offiża* u l-mara tal-imputat. Għalkemm ix-xhieda tagħhom taqbel fuq il-fatt illi t-tnejn kienu sejrin l-istess direzzjoni u kienu qabdu r-*roundabout* ta' quddiem l-Ambaxxata Amerikana f'Ta' Qali (direzzjoni lejn l-Istadium u mhux 'l barra minn Ta' Qali), però imbagħad tikkuntrasta fuq liema naħa kienu qed jiġbdu l-vetturi fil-ħin ta' qabel l-impatt. Filwaqt li l-*parte offiża* qal li kien fuq ix-xellug sejjer lejn id-daħla tax-xellug (lejn parkeġġ) meta ġie minn warajh l-imputat, qabżu u daħal fuqu f'salt, mart l-imputat qalet li l-vettura tagħhom kienet fuq il-lemin tar-*roundabout* u qed tiġbed lejn il-lemin (ċioe mhux lejn l-istess daħla fejn kien dieħel il-*parte offiża*).

**17.** Għalkemm l-imputat ma xehedx, fl-istqarrija tiegħu mogħtija *a tempo vergine* huwa għamel emfażi fuq il-fatt li skont hu kien il-*parte offiża* li daħal fuqu bir-rota u mhux vice-versa. Qal ukoll li r-rota daħlet fuq quddiem tal-karozza tiegħu.

**18.** Il-Qorti tistqarr illi għalkemm it-teżi tal-*parti offiża* hija xi ftit iżjed kredibbli fis-sens illi huwa iżjed probabbli li kien l-imputat li ma kkalkolax ir-rota u naqas milli jżomm *a proper lookout* billi qasam f'daqqa għal fuqu, madanakollu <u>**il-każ tal-Prosekuzzjoni ma jilħaqx il-livell għoli ta' provi rikjest fil-kamp penali ossia li l-prova miġjuba tkun lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.**</u> Il-Qorti m'hijiex moralment konvinta f'dan ir-rigward u filfatt tħoss illi hemm possibilita' mhux żgħira illi seta' kien il-*parti offiża* innifsu illi ta lok għall-inċident billi possibbilment ġibed lejn il-karreġġjata ta' barra (fejn skont il-mara tal-imputat kienu għaddejjin) u daħal fuq il-vettura tal-imputat.

## Deċiżjoni

**19. Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih fuq nuqqas ta' provi.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |